# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 531/15/1 FDP**

**Banif Bank (Malta) plc (C-41030) Permezz ta' digriet tat-2 ta' Frar 2018 l-isem ta' Banif Bank (Malta) Ltd ġie jaqra BNF Bank plc**

**vs**

**1. Liberty Fishing Co. Ltd (C-40845)**
**(bħala l-kumpanija debitriċi prinċipali u**

**2. George Catania**

**3. Maria Louisa Catania**

**4. Tarcam Co. Ltd (C-16852)**

**5. Raymond Bonnici**
**6.**
**7. Martin Cachia**
**(ilkoll bħala garanti in solidum mal-kumpanija debitriċi prinċipali)**
**Permezz ta'digriet tat-13 ta' Jannar 2017 ġew kjamati fil-kawża l-**

**eredi tal-mejjet Martin Cachia, u ċjoè martu Elena Cachia, u uliedu Gilmor Cachia, Stefan Cachia, Zena Frendo née Cachia, u kuraturi deputati biex jirrappreżentaw il-minuri Fay Cachia;**

**Permezz ta' digriet tal-20 ta' Jannar 2021, Gilmor Cachia, Fay Cachia, Zena Frendo u Stefan Cachia ġew estromessi mill-kawża bħala kjamati fil-kawża stante li rriżulta li rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom Martin Cachia; jibqa' in vigore l-kjamat in kawża ta' Elena Cachia li ma rrinunzjatx għall-wirt ta' żewġha Martin Cachia**

**PRELIMINARI:**

1. Din il-kawża tirrigwarda żewġ *business loans* fl-ammont kumplessiv ta' €200,000 li l-Bank attur ta lis-soċjetà konvenuta Liberty Fishing Co. Ltd. fl-2010 u fl-2012 rispettivament. Is-soċjetà Liberty Fishing Co. Ltd. allegatament naqset milli tħallas lura dan is-self u għalhekk il-Bank attur fit-2 ta' Ġunju 2015 ipproċeda kontriha b'din il-kawża fejn talab li kemm hi kif ukoll il-konvenuti l-oħra (bħala garanti) jiġu kkundannati jħallsuha solidalment il-bilanċ ta' €153,809.83 bl-ispejjeż, *bank charges* u *fees* u bl-imgħaxijiet mit-8 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Fit-3 ta' Mejju 2016 il-Bank attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-mejjet Martin Cachia u/ jew kull min jippretendi li jkompli jidher fil-kawża minfloku, iżda dan bla preġudizzju għall-garanzija solidali mogħtija minnu favur is-soċjetà debitriċi Liberty Fishing Co. Ltd, u kif ukoll id-drittijiet kollha naxxenti minn tali garanzija. Fit-13 ta' Jannar 2017, martu Elena Cachia ġiet kjamata fil-kawża flimkien mal-erba' uliedhom iżda dawn tal-

aħħar ġew estromessi mill-kawża *stante* li rrinunzjaw għall-wirt; baqgħet biss fil-kawża bħala kjamata fil-kawża Elena Cachia.

3. <u>Permezz ta' sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju 2022</u> il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba (li tiddisponi mis-smigħ *ai termini* tal-Art. 167 tal-Kap. 12) laqgħet it-talbiet attriċi l-oħra u kkundannat lis-soċjetà debitriċi kif ukoll il-konvenuti l-oħra u l-kjamata fil-kawża rimanenti Elena Cachia sabiex iħallsu lill-Bank attur is-somma mitluba minnu, b'dan li kull wieħed ikollu l-obbligu li jħallas l-ammont kollu in virtù tal-garanziji solidali mogħtija minnhom, bl-imgħaxijiet kif mitluba, u bl-ispejjeż *in solidum* bejniethom. Kwantu għall-*bank charges* u *fees* ulterjuri kkonkludiet li dawn mhux dovuti ħlief għal dak stabbiliti fit-taxxa tal-Qorti.

4. **<u>WARA TALI SENTENZA ĠEW INTAVOLATI TLIET (3) APPELLI:</u>**

(i) Appell mill-konvenuti **<u>George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co Ltd</u>** (01.08.2022) fejn talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2022 billi:

> *"filwaqt li tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni li fiha astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba, tgħaddi sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla l-parti fejn laqgħet it-tieni u t-tielet talbiet tal-Bank attur, illum il-Bank appellat u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-aggravji imressqa fl-appell odjern u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-bank appellat".*

(ii) Appell mill-kjamata fil-kawża **<u>Elena Cachia</u>** fejn talbet lil din il-Qorti:

(a) <u>tirrevoka d-digriet tat-13 ta' Jannar 2017</u> li permezz tiegħu ġiet kjamata fil-kawża; u

(b) <u>tvarja s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2017</u> billi tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

(iii) Appell mis-soċjetà konvenuta **<u>Liberty Fishing Co. Ltd</u>** (04.08.2022) fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

5. **Kemm l-appell tal-kjamata fil-kawża Elena Cauchi, kif ukoll l-appell tas-soċjetà konvenuta Liberty Fishing Co. Ltd ġew dikjarati deżerti**[1]**.**

[1] (a) **<u>Din il-Qorti ddikjarat l-appell tal-kjamata fil-kawża Elena Cachia deżert fit-12 ta' Diċembru 2023</u>** wara li rriżultalha li l-istess Elena Cachia naqset milli tħallas il-kawtela fiż-żmien stipulat fl-Art. 249(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b)**<u>Din il-Qorti ddikjarat l-appell tas-soċjetà konvenuta Liberty Fishing Co Ltd deżert fit-28 ta' Novembru 2023</u>** skont l-Art. 964 tal-Liġijiet ta' Malta, dan wara li rat li l-appell tagħha kien tqiegħed *sine die* fit-18 ta' Awwissu 2023 (wara li naqset li tirregola ruħha dwar il-kawtela fiż-żmien ta' 30 jum mogħti lilha għal dan il-għan permezz ta' digriet datat 18 ta' Lulju 2023) u wara li rat li l-istess soċjetà Liberty Fishing Co Ltd baqgħet ma wrietx iktar interess fl-appell tagħha.

6. **<u>Jibqa' biss għalhekk l-appell tal-konvenuti George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co Ltd.</u>**[2]

7. Għal intendiment aħjar tal-appell din il-qorti qiegħda tirriproduċi t-talbiet attriċi u l-eċċeżżjoniet tal-appellanti Catania u Tarcam Co. Limited.

**"Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 2 ta' Ġunju 2015, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

*"1. Illi l-kumpannija attriċi hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

*2. Illi l-kumpannija debitriċi prinċipali hija klijenta tal-kumpanija attriċi u ħadet minn għandha self marbut mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħha;*

*3. Illi s-self kien jammonta għal mitejn elf Euro (€200,000) u kien jikkonsisti fis-segwenti:*

*a. Business Loan ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) mogħti ai termini ta' Credit Agreement datat 6 ta' Ottubru 2010 (ara Dok. 'A') u kuntratt datat 20 ta' Diċembru 2010, magħmul flatti tan-Nutar Isabelle Gonzi (ara Dok.'B') u;*

*b. Business Loan ta' ħamsin elf Euro (€50,000) mogħti ai termini ta' Credit Agreement datat 16 ta' Frar 2012 (Ara Dok C) u Kuntratt datat 23 ta' April 2012, magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Isabelle Gonzi (ara Dok D).*

*4. Illi l-kumpannija debitriċi prinċipali naqset milli tħallas lura dan is-self u għalhekk l-ammont dovut mill-kumpannija debitriċi prinċipali fuq dawn il- faċilitajiet hu kif ġej: a. mitt elf u tnejn, disa' mija u tlieta u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€102,973.50) fuq l-ewwel Business Loan fuq imsemmija, senjatament fuq Loan Account numru 139769 71 001, u li sat-8 ta' Mejju 2015, kienu jinkludu imgħaxijiet ta' sebat elef, mitejn u tmienja u disgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€7,298.58) (ara Dok 'E') b. ħamsin elf, tmien mija u sitta u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€50,836.33) dovuti fuq it-tieni Business Loan fuq imsemmi, senjatament fuq Loan Account numru 139769 71 002 u li sat-8 ta' Mejju 2015, kienu jinkludu imgħaxijiet ta' elfejn, disa' mija u erbgħa u sittin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,964.92) (ara Dok. 'F);*

*5. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-kumpannija*

[2] **<u>Art. 963(6), Kap 12:</u>** "…..*Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat"*

*debitriċi prinċipali lill-kumpannija attriċi sat-8 ta' Mejju 2015, kien ta' mija, tlieta u ħamsin elf, tmien mija u disat Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€153,809.83);*

*6. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill kumpannija attriċi ai termini tal-Artikolu 11 (p) tal-Credit Agreement mmarkat Dok. 'A' u ta' Artikolu 9(m) tal-Credit Agreement mmarkat Dok. 'C, u dan għax kif jistipulaw dawn l-istess Agreements rispettivi, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

> *"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
>
> *b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
>
> *n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*7. Illi kull wieħed mill-konvenuti l-oħra mħarrkin f'din il-kawża daħal bħala garanti in solidum mal-kumpannija debitriċi prinċipali permezz ta' kuntratt għal ammont ekwivalenti għal dak misluf (ara Dok. 'G' sa Dok. 'K');*

*8. Illi l-kumpannija attriċi ttentat tinterpella lill-konvenuti kollha diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz ta' ittri legali datati 12 ta' Settembru 2012, 8 ta' Ottubru 2012 u 8 ta' Novembru 2013 (ara Dok. 'L', Dok. 'M' u Dok. 'N' rispettivament) u ittra uffiċjali numru 659/2014 datata 3 ta' Marzu 2014 u preżentata quddiem din l-istess Qorti (ara Dok. 'O'), iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpannija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attriċi;*

*10. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpanija attriċi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap, 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti bejniethom saru debituri tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €153,809.83, b'dana li kull wieħed minnhom jew aktar, ikollhom l-obbligu li jħallsu l-ammont kollu in virtu' tal-garanzija solidali mogħtija minnhom; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu bejniethom lill-kumpannija attriċi l-ammont ta' €153,809.83, b'dana li kull wieħed minnhom jew aktar ikollhom l-obbligu li jħallsu l-ammont kollu in virtu tal-garanziji*

*solidali mogħtija minnhom,*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mit-8 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit agreements msemmija f'din il-kawża.*

*L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

*1. disgħa punt ħamsa fil-mija (9.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 139769 71 001 imsemmi aktar 'il fuq u dan skond Artikoli 7 u 11(t) tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'A' u*

*2. għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 139769 71 002 imsemmi aktar 'il fuq u dan skond Artikoli 5 u 9(q) tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'C'.*

*Il-konvenuti huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija attriċi fil-konfront tal-istess konvenuti.*

2. Illi fit-8 ta' Lulju 2015 George Catania, Marie Louise Catania u Tarcam Co. Limited irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

*1. Illi fl-ewwel lok ir-Rikors promotur huwa null u bla effett fil-liġi stante li huwa monk mid-dikjarazzjoni bil-ġurament ai termini tal-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif jesiġi l-Artikolu 167 tal-istess Att. Stante n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, l-esponent naturalment ma ġewx notifikati bl-istess u dan bi ksur tal-Artikolu 168 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma intempestivi stante li l-credit agreement datat is-6 ta' Ottubru 2010 li permezz tiegħu ngħata l-business loan huwa ftehim għal ħames (5) snin, liema terminu għadu ma skadiex. F'dan il-kuntest, l-esponenti bħala l-garanti tad-dejn tal-kumpanija debitriċi prinċipali kellhom benefiċċju ta' terminu ta' ħames (5) snin li ġew negati minnu proprju minħabba l-intempestivita' tal-istess kawża odjerna;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jinkombi fuq il-Bank rikorrent li juri u jipprova sal-grad rikjest mil-Liġi li s-soċjeta' debitriċi prinċipali naqset milli taffettwa l-pagamenti dovuti;*

*4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li;*

*a. fl-ewwel lok mhux minnu li l-ammont pretiż mill-bank rikorrent huwa ċert, dovut u likwidu;*

*b. fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv u fuq kollox mhux ċar kif l-istess Bank*

*rikorrent wasal għall-ammonti li qed jitlob stante li anke mid-dokumentazzjoni annessa mar-Rikors promotur (ara Dok E u Dok. F rispettivament) l-ammont mitlub mal-ammonti bl-istess dokumenti;*

*c. fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub u l-interessi hekk kif mitluba ma jirrispekkjawx klawsola numru 11 (t) tal-credit agreement datat is-6 ta' Ottubru 2010;*

*d. fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub jinkludi imgħax kompost u mhux skond il-liġi;*

*e. fil-ħames lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti huma garanti biss għas-somma ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) u għalhekk, kwalunkwe ammont in eċċess tal-istess ammont mhux garantit minnhom u m'għandhom ebda obbligu li jagħmlu tajjeb għalih;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi s-soċjeta' Liberty Fishing Co Limited ġiet notifikata fis-17 ta' Ġunju 2015 filwaqt illi Raymond Bonnici u Martin Cachia ġew notifikati fis-16 ta' Ġunju 2015. (fol 101)

4. Rat illi r-risposta ta' Martin Cachia kif ukoll Liberty Fishing Co Limited ma ġewx ippreżentati fil-perjodu stabbilit mil-Liġi.

L-ewwel Qorti ddeċidiet billi

**Ċaħdet** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Company Limited.

**Laqgħet** it- talbiet tas-soċjeta attriċi kif ġej:

**Astjenit** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;

**Laqgħet** it-tieni talba; u

**Iddikjarat** li l-intimati Liberty Fishing Co Limited, George Catania, Maria Louisa Catania, Tarcam Co. Limited, Raymond Bonnici w il-kjamata in kawża Elena Cachia bejniethom saru debituri tal-kumpania attriċi fl-ammont ta' €153,809.83, b'dan li kull wieħed minnhom ikollu l-obbligu li jħallas l-ammont kollu in virtu` tal-garanzija solidali mogħtija minnhom.

**Laqgħet** it-tielet talba; u

**Ikkundannat** lill-intimati Liberty Fishing Co Limited, George Catania, Maria Louisa Catania, Tarcam Co. Limited, Raymond Bonnici w il-kjamata in kawża Elena Cachia jħallsu lill-kumpanija attriċi l-ammont ta' €153,809.83, b'dan li kull wieħed minnhom ikollu l-obbligu li jħallas l-ammont kollu in virtu tal-garanziji solidali mogħtija minnhom,

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku tal-intimati Liberty Fishing Co Limited, George Catania, Maria Louisa Catania, Tarcam Co. Limited, Raymond Bonnici w il-kjamata in kawża Elena Cachia in solidum bejniethom.

**Imgħax** huwa dovut kif mitlub fir-rikors promotur.

Bank Charges u fees ulterjuri, kif mitlub mis-soċjeta' rikorrenti, ma' humiex dovuti għajr għal dawk stabbiliti fit-taxxa tal-Qorti.

**RIKORS TAL-APPELL tal-konvenuti George Catania, Maria Louisa Catania, u Tarcam Co Ltd (01.08.2022):**

8. L-aggravji tal-konvenuti appellanti, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) L-ewwel aggravju:

*(li l-Bank ma għarrafx lil-appellanti li ma kinux qed isiru pagamenti u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li kienu "in default")*

Fl-ewwel lok jenfasizzaw li sakemm infetħet il-kawża il-Bank attur qatt ma nfurmahom li s-soċjetà debitriċi kienet waqfet tagħmel il-pagamenti. Isostnu li l-argument li għaliex is-soċjetà debitriċi kienet *"in default"* allura l-benefiċċju taż-żmien intilef, ma jistax japplika għalihom li lanqas biss kienu jafu li l-ħlasijiet ma kinux qegħdin isiru.

Jaċċennaw ukoll għall-klawżola 11(t) tal-*credit agreement*[3], *ossia* fejn il-Bank attur irriserva d-dritt li jgħolli r-rata tal-imgħax għal 3% kull sena f' każ li s-soċjetà debitriċi ma tosservax il-kundizzjonijiet tal-istess *credit*

[3] Jiġi ppreċiżat li fil-*credit agreement* relattiv għas-self ta' €150,000 il-klawżola hija 11(t), filwaqt li fil-*credit agreement* relattiv għas-self ta' €50,000 il-klawżola hija 11(q)

*agreement* u jilmentaw li bil-fatt li ma kinux ġew infurmati li s-soċjetà debitriċi ma kinitx qiegħda tagħmel il-pagamenti ma setgħux ikunu f' pożizzjoni biex jieħdu azzjoni sabiex tali rata ma togħliex. Jilmentaw li dan ħolqilhom preġudizzju serju.

(ii) It-tieni aggravju:

*(li l-Bank messu l-ewwel ħa passi kontra s-soċjeta` debitriċi u imbagħad dar fuq il-garanti jekk hija ma setgħetx tissodisfa l-kreditu dovut minnha)*

Fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-ewwel aggravju, jilmentaw li Bank attur messu l-ewwel ħa passi kontra s-soċjetà debitriċi sabiex jirkupra d-dejn mingħandha kif kellu d-dover li jagħmel taħt l-Artikolu 1925 tal-Kap 16, u li f' każ biss li ma rnexxilux jissodisfa l-kreditu dovut mingħandha messu mbagħad dar fuq il-garanti.

**RISPOSTA TAL-BNF BANK PLC (gia Banif Bank (Malta) plc għall-appell tal-konvenuti George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co. Ltd (02.09.2022):**

9. Il-Bank attur wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-aggravji sollevati mill-konvenuti appellanti ma jreġux u għaliex is-sentenza appellata timmerita konferma.

**<u>RISPOSTA TAL-KONVENUT RAYMOND BONNICI għall-appell tal-konvenuti George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co. Ltd (29.09.2022):</u>**

10. Il-konvenut Raymond Bonnici wieġeb biex jgħid li jikkondividi dak sollevat fir-rikors tal-appell tal-konvenuti George u Maria Louisa Catania u Tarcam Co Ltd, partikolarment li bħala garanti qatt ma kien fi ksur ladarba ma kienx mgħarraf li l-pagamenti ma kinux qegħdin isiru mis-soċjetà debitriċi. Jenfasizza wkoll li għalkemm is-soċjetà debitriċi tista' tidher inattiva, fil-fatt għadha teżisti u għandha l-assi tagħha. Huwa rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

**<u>RISPOSTA TAS-SOĊJETÀ KONVENUTA LIBERTY FISHING CO. LTD għall-appell tal-konvenuti George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co. Ltd (23.02.2023):</u>**

11. Is-soċjetà debitriċi Liberty Fishing Co Ltd wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tal-konvenuti appellanti huwa infondat u għandu jiġi miċħud, u għaliex *invece* għandu jintlaqa' l-appell tagħha (**li llum huwa deżert**) u tiġi dikjarata nulla s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti, kontra l-appellat Raymond Bonnici, u l-appellat Bank attur. Bażikament issostni li mhux minnu li l-Bank attur kellu l-ewwel idur fuqha jew li jagħti lill-garanti xi tip ta'

benefiċċju. Tfakkar li l-garanzija kienet waħda solidali *ossia* ta' *"joint and several liability with the customer"* u targumenta li dak li jgħodd għaliha jgħodd għall-konvenuti appellanti *stante* n-natura solidali tal-garanzija.

**<u>RISPOSTA TAL-KJAMATA FIL-KAWŻA ELENA CACHIA għall-appell tal-konvenuti George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co. Ltd (23.02.2023):</u>**

12. Il-kjamata fil-kawża Elena Cachia ukoll wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tal-konvenuti appellanti huwa infondat u għandu jiġi miċħud, u għaliex *invece* għandu jintlaqa' l-appell tagħha (**li llum huwa deżert**) u jiġi dikjarat null id-digriet tat-13 ta' Jannar 2017 u tiġi varjata s-sentenza appellata billi tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti, kontra l-appellat Raymond Bonnici, u l-appellat Bank attur. Ir-risposta tagħha hija prattikament identika għal dik tas-soċjetà konvenuta Liberty Fishing Co Ltd.

**<u>DOKUMENTI RIGWARDANTI S-SELF U L-GARANZIJI RISPETTIVI:</u>**

**(a)** **<u>Is-self ta' €150,000</u>** (*credit agreement* u kuntratt relattiv):

13. Fis-6 ta' Ottubru 2010[4] sar *credit agreement* bejn il-Bank attur u s-soċjetà Liberty Fishing Co Ltd rigwardanti self ta' €150,000. Ikun utli li jsir aċċenn għas-segwenti klawżoli partikolari tal-*credit agreement*:

- Il-klawżola nru 5 tistipula li l-ħlas lura kellu jsir fi żmien ħames (5) snin.

- Il-klawżola nru 6 tistipula li l-ħlas kellu jsir permezz ta' "*60 equal monthly installments for a minimum of €2,941.26"* liema ammont jinkludi l-imgħax.

- Il-klawżola 11(p) imbagħad tipprovdi li f'każ li tavvera ruħha xi waħda mill-*Events of Default* (elenkati fuq formola annessa) isir dovut il-bilanċ kollu:

> "*The facility/ies shall become instantly due and payable together with all interest and charges upon occurrence of any of the Events of Defaut listed in the attached form DOC_CRE_EVDEF_JAN2008_01.01 and upon receipt of Bank's first written demand"*

- Waħda mill-*Events of Default* elenkata fil-lista hija propju n-nuqqas ta' ħlas:

> *"**(a)** Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner regulating the Facility;"*

[4] Dok A, fol 9 *et seq*

- Il-klawżola 11(t) tipprovdi li f' każ li ma jiġux osservati xi waħda mill-kundizzjonijiet, il-Bank huwa intitolat jgħolli r-rata tal-imgħax sa 3% fis-sena "*on the full outstanding amount for the period of default".*

14. Sussegwentement, fl-20 ta' Diċembru 2010 sar kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi[5] li permezz tiegħu il-Bank attur silef lis-soċjetà Liberty Fishing Co. Ltd, rappreżentata minn Raymond Bonnici, l-ammont ta' €150,000. F'dan il-kuntratt dehru bħala garanti għas-self kemm Raymond Bonnici personalment, kif ukoll Maria Louisa Catania f' isem is-soċjetà Tarcam Co Ltd*.* *Inter alia* ġie miftiehem is-segwenti:

> *"The Bank, the Customer and the Sureties-in-Solidum agree that if any one of the conditions listed below in clauses (a) to (n) occurs, then or at any time thereafter, the Bank may, by notice to the Customer and/or the Sureties-in-Solidum, declare the loan to be immediately due and payable, whereupon it shall become so due and payable together tieh accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed.*
>
> *…*
>
> *The Bank, the Customer and the Sureties-in-Solidum agree that if:*
>
> *a) The Customer and/or the Sureties-in-Solidum fail(s) to pay any sum whether of principal, interest, fees or charges due from it/them under the deed of loan at the time and in the manner stipulated in this deed;*
>
> *[b) – n)]*
>
> *then or at any time and/or the Sureties-in-Solidum declare the loan to be immediately due and payable, whereupon it shall become so due and payable together with the accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed."*

**(b) Is-self ta' €50,000** (*credit agreement* u kuntratt relattiv):

[5] Dok B, fol 18 *et seq*

15. Fis-16 ta' Frar 2012[6] sar *credit agreement* bejn il-Bank attur u s-soċjetà Liberty Fishing Co Ltd rigwardanti self ta' €50,000. Ikun utli li jsir aċċenn għas-segwenti klawżoli partikolari tal-*credit agreement*:

- Il-klawżola nru 5 tistipula li l-ħlas lura kellu jsir fi żmien ħames snin.

- Il-klawżola nru 6 tistipula li l-ħlas kellu jsir permezz ta' "*60 equal monthly installments for a minimum of €992.35"* liema ammont jinkludi l-imgħax.

- Il-klawżola 11(m) imbagħad tipprovdi li f' każ li tavvera ruħha xi waħda mill-*Events of Default* (elenkati fuq formola annessa) isir dovut il-bilanċ kollu:

> "*The facility/ies shall become instantly due and payable together with all interest and charges upon occurrence of any of the Events of Defaut listed in the attached form DOC_CRE_EVDEF_JAN2008_01.01 and upon receipt of Bank's first written demand".*

- Waħda mill-*Events of Default* elenkata fil-lista hija propju n-nuqqas ta' ħlas:

> *"(a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner regulating the Facility;*"

[6] Dok C, fol 31 *et seq*

- Il-klawżola 11(q) tipprovdi li f' każ li ma jiġux osservati xi waħda mill-kundizzjonijiet, il-Bank huwa intitolat jgħolli r-rata tal-imgħax sa 3% fis-sena "*on the full outstanding amount for the period of default".*

16. Sussegwentement, fl-23 ta' April 2012 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi[7] li permezz tiegħu il-Bank attur silef lis-soċjetà Liberty Fishing Co. Ltd, rappreżentata minn Raymond Bonnici, l-ammont ta' €50,000. F'dan il-kuntratt dehru bħala garanti għas-self kemm Raymond Bonnici personalment, kif ukoll Maria Louisa Catania f'isem is-soċjetà Tarcam Co Ltd*.* *Inter alia* ġie miftiehem is-segwenti:

> *"The Bank, the Customer and the Sureties-in-Solidum agree that if any one of the conditions listed below in clauses (a) to (n) occurs, then or at any time thereafter, the Bank may, by notice to the Customer and/or the Sureties-in-Solidum, declare the loan to be immediately due and payable, whereupon it shall become so due and payable together tieh accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed.*
>
> *…*
>
> *The Bank, the Customer and the Sureties-in-Solidum agree that if:*
>
> *a) The Customer and/or the Sureties-in-Solidum fail(s) to pay any sum whether of principal, interest, fees or charges due from it/them under the deed of loan at the time and in the manner stipulated in this deed;*
>
> *[b) – n)]*
>
> *then or at any time and/or the Sureties-in-Solidum declare the loan to be immediately due and payable, whereupon it shall become so due and payable together with the accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed."*

[7] Dok D, fol 39 *et seq*

## (c) Kuntratti ta' garanzija *in solidum* mas-soċjetà debitriċi:

17. Ġew iffirmati is-segwenti garanziji solidali mal-Bank attur bħala sigurta` għad-dejn ta' Liberty Fishing Co Ltd:

| | | |
|---|---|---|
| 15 ta' Settembru 2010[8] | Martin Cachia | €150,000 |
| 22 ta' Marzu 2012[9] | George & M'Louisa Catania | €200,000 |
| 22 ta' Marzu 2012[10] | Tarcam Co. Ltd | €200,000 |
| 22 ta' Marzu 2012[11] | Raymond Bonnici | €200,000 |
| 17 ta' Frar 2012[12] | Martin Cachia | € 50,000 |

18. Din il-Qorti tagħmel aċċenn partikolari għas-segwenti sub-inċiżi mill- klawżoli 2 u 19:

> ***"2). The Main Subject Matter of this Guarantee:***
>
> *(a) You are hereby legally bound and agree to pay to the Bank, which accepts, on written demand the whole and each and every part of the debt mentioned in Clause 3 below ("The debt").*
>
> *(b) It is expressly agreed that this Guarantee is continuing security for the Debt.*
>
> *(c) Your liability to pay is joint and severally with the Borrower. This means that the Bank can enforce this Guarantee against you irrespective of whether the Bank has asked the Borrower to pay the Debt and irrespective of whether the Borrower has in fact paid part of the Debt.*

[8] Dok J, fol 75 *et seq*
[9] Dok G, fol 51 *et seq*
[10] Dok H, fol 59 *et seq*
[11] Dok I, fol 67 *et seq*
[12] Dok J, fol 83 *et seq*

*(d)…..(e)*

***19). Notices***

*(a) Any demand, notice or proceeding under this Guarantee may be served:*

*(i) By letter, sent by post to, or left at, your last known address or registered office and if sent by post, it will be deemed to have been served at the time it would, in the ordinary course of post, be delivered; or*

*(ii) By fax or other electronic means to your last known fax number or electronic mail address and it will be deemed to have been served at the time of transmission buy the Bank.*

*(b)….(c)"*

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

19. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jilmentaw li sakemm il-Bank attur fetaħ il-kawża qatt ma għarrafhom li ma kinux qegħdin isiru pagamenti da parti tas-soċjetà Liberty Fishing Co. Ltd, u li allura ma setgħux jonoraw il-ftehim bejn il-partijiet. Isostnu li l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta ma rrikonoxxietx li l-Bank attur naqas milli jinfurmahom li l-pagamenti ma kinux qed isiru, u li kien biss mal-preżentata tal-kawża li saru jafu b'dan in-nuqqas ta' ħlas. Jgħidu li ma jistgħux jitqiesu li kienu *"in default*" ladarba l-Bank attur qatt ma għarrafhom li l-ħlasijiet ma kinux qegħdin isiru.

20. Kif tajjeb josserva l-Bank attur fir-risposta tal-appell tiegħu, din id-difiża fil-fatt qatt ma ġiet sollevata bħala eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti appellanti. Dan l-aggravju għalhekk jammonta

għal "*noviter deductus*"; l-appellanti bażikament qegħdin jilmentaw mis-sentenza appellata dwar "eċċezzjoni" li huma stess qatt ma ssollevaw fl-ewwel grad. Għaldaqstant dan l-aggravju teknikament ma jimmeritax konsiderazzjoni.

21. Din il-Qorti, fi kwalunkwe każ, (u dan qiegħed jingħad *obiter dictum*) issib li lanqas ma hu minnu li sakemm infetħet din il-kawża (fit-2 ta' Ġunju 2015) il-Bank attur qatt ma kkomunika mal-konvenuti appellanti dwar il-fatt li s-soċjetà debitriċi ma kinitx qiegħda tagħmel pagamenti. Issir referenza għas-segwenti dokumenti:

> **Dok M**[13] Din hija kopja ta' ittra legali datata <u>**8 ta' Ottubru 2012**</u> li ntbagħtet mid-difensur tal-Bank attur (Simon Tortell & Associates) lis-soċjetà Liberty Fishing Co Ltd (id-debitriċi prinċipali) kif ukoll lill-garanti solidali (inkluż il-konvenuti appellanti). Bħala indirizz tat-tliet konvenuti appellanti hemm indikat "*Margaret,* Triq il-Mitħna l-Qadima, Mellieħa", <u>li fil-fatt huwa l-istess indirizz li fih ġew notifikati b'dawn il-proċeduri</u>. In oltre anke mill-affidavits ta' Maria Louisa Catania u George Catania jirriżulta li dawn jirrisjedu f'tali indirizz. Dan huwa ukoll l-indirizz tas-soċjetà Tancam Co Ltd kif indikat fuq il-garanzija tat-22 ta' Marzu 2012. <u>F' din l-ittra kemm is-soċjetà Liberty Fishing Co Ltd kif ukoll il-garanti solidali ġew mitluba jħallsu l-arretrati.</u>

[13] Fol 92-93

**Dok N**[14] Din hija kopja ta' ittra legali oħra, datata **8 ta' Novembru 2013**, ukoll indirizzata lis-soċjetà Liberty Fishing Co Ltd kif ukoll lill-garanti solidali, inkluż il-konvenuti appellanti fl-indirizz "*Margaret,* Triq il-Mitħna l-Qadima, Mellieħa". F'din l-ittra kemm is-soċjetà debitriċi kif ukoll il-garanti solidali ġew intimati sabiex iħallsu lura s-self kollu.

**Dok O**[15] Din hija kopja ta' ittra uffiċjali datata **3 ta' Marzu 2014** li permezz tagħha l-Bank attur interpella kemm lis-soċjetà Liberty Fishing Co Ltd kif ukoll il-garanti solidali tagħha sabiex iħallsu s-self kollu, inkluż l-imgħaxijiet. Din il-Qorti vverifikat mas-sistema tal-*ecourts* minn fejn irriżultalha li din l-ittra uffiċjali (659/2014) kienet ġiet notifikata lil kulħadd, inkluż lill-konvenuti appellanti.

22. In oltre kemm Vanessa Bugeja kif ukoll Alfred Ferrante (it-tnejn rappreżentanti tal-bank) ikkonfermaw li l-Bank attur kien ikkomunika mas-soċjetà debitriċi u mal-garanti meta ma kinux qegħdin isiru l-ħlasijiet da parti tal-istess soċjetà debitriċi.

23. Vanessa Bugeja fix-xiehda tagħha tad-9 ta' Frar 2016[16] xehdet li meta kienu waqfu l-pagamenti l-Bank kien bagħat diversi ittri lis-soċjetà

[14] Fol 94-95
[15] Fol 96-98
[16] Fol 147

debitriċi u lill-garanti u li meta baqgħu inadempjenti pproċeda b'ittra ġudizzjarja:

> *"Mistoqsija jekk il-Bank rikorrenti interpellax lis-soċjeta` intimata jew lill-garanti tagħha biex iħallsu l-ammonti minnhom dovuti ngħid illi iva, l-Bank rikorrenti bagħat diversi ittri, kien hemm ukoll laqgħat bejn il-Bank u r-rappreżentanti tal-istess soċjeta` intimata u telefonati f' dan is-sens. Ninforma lill-Qorti ukoll illi peress illi s-soċjeta` intimata u l-garanti tagħha baqgħu inadempjenti l-Bank rikorrenti kien kostrett jippreżenti ittra ġudizzjarja fl-atti tal-proċedura."*

24. Alfred Ferrante fix-xiehda tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021[17] spjega li l-Bank attur ipproċeda b'din il-kawża u b'dak li ppreċeda din il-kawża:

> *"…qed nirreferi għal din il-kawża u dak li ppreċeda din il-kawża, jiġifieri… jiġifieri kien hemm ittra legali, kien hemm ittra ġudizzjarja illi kienu notifikati lill-partijiet kollha."*

25. Din il-Qorti tagħmel aċċenn partikolari għall-ittra legali tat-8 ta' Ottubru 2012 li biha l-Bank talab lis-soċjetà debitriċi kif ukoll lill-garanti solidali tagħha (inkluż il-konvenuti appellanti) biex iħallsu l-arretrati (ċjoè sa dakinhar kien għadu ma kienx qed jippretendi l-ħlas tal-bilanċ kollu.) Issa skont il-klawżola numru 19 tal-garanziji bankarji li ffirmaw il-konvenuti appellanti stess fit-22 ta' Marzu 2012 (ara *supra*), meta talba bil-miktub (*written demand*) issir bil-posta "*it will be deemed to have been served at the time it would, in the ordinary course of post, be delivered*". Għalhekk anke tenut kont tal-fatt li l-indirizz fejn tali ittra ntbagħet kien fil-fatt dak tar-residenza tal-konjuġi Catania u dak tas-soċjetà Tancam Co Ltd (indirizz fejn anke ġew notifikati b'suċċess f'dawn il-proċeduri) din il-

[17] Fol 486 *et seq*

<u>Qorti qiegħda tqis li l-konvenuti appellanti kienu jafu ben tajjeb bil-fatt li s-soċjetà debitriċi kienet waqfet tħallas, u dan anke qabel ma l-Bank attur beda jippretendi li jitħallas il-bilanċ kollu.</u> Isegwi għalhekk li l-argument tal-konvenuti appellanti li ma kellhomx "*l-iċken ħjiel*" li l-pagamenti kienu waqfu, u li allura kien impossibbli għalihom li jersqu sabiex jagħmlu tali pagamenti, u li allura ma kinux "*in default*" u li allura ma kellhomx jitilfu l-benefiċċju taż-żmien, huwa għal kollox infondat. Daqstant ieħor huwa infondat l-argument li sofrew preġudizzju serju minħabba li, għaliex il-Bank attur qatt ma għarrafhom li s-soċjetà debitriċi kienet waqfet tħallas, ma kinux f'pożizzjoni sabiex jieħdu azzjoni biex ir-rata tal-imgħax ma togħliex skont il-klawżola 11(t) / 11(q) tal-*credit agreements* rispettivi.

26. <u>Fit-tieni aggravju</u> tagħhom il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-Bank attur messu l-ewwel ħa passi kontra s-soċjetà debitriċi sabiex jirkupra d-dejn mingħandha kif kellu d-dover li jagħmel taħt l-Artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili, u li f' każ biss li ma rnexxilux jissodisfa l-kreditu dovut mingħandha messu imbagħad dar fuq il-garanti.

27. Hawnhekk ukoll m'għandhomx raġun.

28. Kif tajjeb wieġeb il-Bank attur fir-risposta tal-appell tiegħu, il-konvenuti appellanti qegħdin jagħżlu li jinjoraw il-fatt li l-Artikolu 1925 jittratta b'mod ġenerali l-istitut tal-garanzija, u li *invece* hemm

dispożizzjonijiet oħra li jsegwu, partikolarment l-Artikolu 1935(b) li jagħmilha ċara li l-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx jekk il-garanti jkun obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur prinċiali.

29. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti artikoli sabiex wieħed jifhem aħjar id-distinzjoni bejn garanzija sempliċi u garanzija solidali:

> **<u>Art. 1925.</u>**
>
> "Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."
>
> **<u>Art. 1934.</u>**
>
> "Il-garanti hu obbligat biss iħallas meta jonqos id-debitur prinċipali, illi qabel xejn għandu jiġi eskuss fuq il-beni tiegħu."
>
> **<u>Art. 1935.</u>**
>
> "Il-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx –
>
> (a) jekk il-garanti jkun irrinunzja għal dan il-benefiċċju;
>
> (b) jekk il-garanti jkun obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur;
>
> (ċ) jekk id-debitur jista' jagħti eċċezzjoni personali, bħal dawk imsemmija fl-artikolu 1926;
>
> (d) jekk id-debitur ikun sar mhux solvibbli."
>
> **<u>Art. 1937.</u>**
>
> "(1) Meta tnejn min-nies jew iżjed jidħlu bħala garanti tal-istess debitur u għall-istess dejn, kull wieħed minnhom ikun obbligat għad-dejn kollu.
>
> (2) Iżda, kull wieħed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja għall-benefiċċju tal-qsim tad-dejn, jew ma jkunx obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur, jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tiegħu u jnaqqasha għas-sehem ta' kull wieħed mill-garanti."
>
> **<u>Art. 1941.</u>**
>
> "Il-garanti fi ħwejjeġ tal-kummerċ, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jitqies dejjem li hu obbligat *in solidum* mad-debitur."

30. M'hemm l-ebda dubju li l-garanzija mogħtija mill-konvenuti

appellanti hija waħda ta’ natura solidali, u in oltre l-implikazzjonijiet ta’ garanzija solidali effettivament ġew spjegati lilhom b’mod ċar daqs il-kristall fuq il-garanziji rispettivi ffirmati minnhom (ara *supra)*.

31. Rilevanti ferm għal dan l-aggravju huma s-segwenti sentenzi li jirreferi għalihom l-Bank attur fir-risposta tal-appell tiegħu, u li din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tiċċita s-segwenti brani minnhom:

**<u>Dr Eric Mamo noe v. Charles Psaila et (App. Kummerċjali, 19 ta’ Mejju 1995)</u>**:

> *“In fatti f’ dan il-każ, dak li huwa rilevanti huwa l-fatt illi kif jirriżulta mill-istess garanzija a fol 5 tal-proċess il-konvenuti personalment daħlu garanti in solidum – “we the undersigned hereby jointly and severally with the principal guarantee to you the payment of…” mas-soċjeta` imsemmija u cjoe` s-soċjeta` għan-nom kollettiv C. Psaila u J. Buhagiar fl-ammont li jissemma iktar ‘il fuq. Minn dan id-dokument biss għalhekk diġa tirriżulta stabbilita suffiċjentement il-garanzija in solidum mad-debitur prinċipali favur il-bank. Anke li kieku ma kienx hekk pero`, trattandosi proprju ta’ garanzija bankarja li fit-termini tal-Artikolu 5(b) tal-Kummerċ jirrisolvi ruħu f’ att ta’ kummerċ minħabba li huwa konness ma’ self bankarju kien ikun applikabbli d-dispost tal-Artikolu 1941 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li l-garanti fil-ħwejjeġ tal-kummerċ, meta ma jkunx hemm ftehim xort’ oħra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur.*
>
> *Dan kollu qiegħed jingħad il-għaliex kif sewwa osserva l-appellant minħabba li hawn si tratta mhux ta’ garanzija sempliċi imma ta’ waħda in solidum, cjoe` joint and several, il-konsegwenza hi illi l-garanti in solidum fit-termini tal-Artikolu 1935(b) tal-Kodiċi Ċivili huwa fl-istess pożizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eċċezzjoni tal-eskussjoni jew il-benefiċċju tad-diviżjoni. In fatti l-effetti tal-garanzija solidali prinċipalment jirrisolvu ruħhom proprju f’ dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa mogħti d-dritt illi jaġixxi direttament kontra l-garanti solidali mingħajr il-ħtieġa li qabel jaġixxi kontra d-debitur prinċipali jew li jirrikorri għall-eskussjoni jew għad-diviżjoni tal-beni qabel ma jkun jista’ jaġixxi kontra l-garanti solidali.”*

**<u>Borg and Aquilina Ltd v. John Cuschieri et (Qorti tal-Appell Inferjuri) 5 ta’ Marzu 2010):</u>**

> "…*(4) Proprjament, bhala riflessjoni aktar akkurata ta' dritt, il-garanti solidali maghmula lill-kummercjant, bhal ma hi s-socjeta` attrici, hu, kif ritenut, "ekwiparat ghall-istess kondebitur in solidum, cioe, correus debendi. Huwa ghalhekk li ghalih huma applikabbli mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghall-kondebitur solidali". Ara "**Emmanuele Baldacchino -vs- Joseph Schembri**", Appell Kummercjali, 2 ta' Dicembru, 1963. Il-Qorti ma thossx li ghandha tiddilunga zzejjed fuq il-principji tal-garanzija solidali, u, anzi, thoss li, a skans ta' ripetizzjoni, jibbasta li taghmel referenza ghal certi decizonijiet taghha fuq is-suggett. Ara fost ohrajn "**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd -vs- Mario Pickard et nomine**", 19 ta' Ottubru 2005, "**Mark Camilleri -vs- James Clifford Micallef et**", 28 ta' Novembru, 2008 u "**Primrose Poultry Products Ltd -vs- Joseph Balzan et**", 12 ta' Dicembru, 2008;"*

**<u>DECIDE:</u>**

32. Ladarba l-aggravji tal-konvenuti appellanti jirriżultaw infondati din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tagħhom bl-ispejjeż kontrihom.

33. Is-soċjetà konvenuta Liberty Fishing Co. Ltd u l-kjamata fil-kawża Elena Cauchi għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-appelli rispettivi tagħhom li ġew dikjarati deżerti fit-28 ta' Novembru 2023 u fit-12 ta' Diċembru 2023 rispettivament.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da